REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/949

tad-19 ta' Ġunju 2015

li japprova l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa fuq ċertu ikel minn ċerti pajjiżi terzi għall-preżenza ta' ċerti mikotossini

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ([2]) jistipula l-livelli massimi permessi ta' okratossina A u ta' aflatossini fl-ikel. Il-prodotti tal-ikel biss li jikkonformaw mal-livell massimu jistgħu jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistipula li l-Istati Membri huma obbligati li jiżguraw li l-kontrolli uffiċjali jitwettqu b'mod regolari, abbażi ta' riskju u bi frekwenza xierqa sabiex jinkisbu l-għanijiet tar-Regolament, li huma fost l-oħrajn il-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji għall-bnedmin u għall-annimali sa livelli aċċettabbli.

(3) L-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistipula li jistgħu jiġu approvati kontrolli speċifiċi ta' qabel l-esportazzjoni, imwettqa minn pajjiż terz fuq l-ikel u l-għalf qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea, sabiex jiġi vverifikat li l-prodotti esportati jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Unjoni.

(4) Din l-approvazzjoni tista' tingħata biss lil pajjiż terz jekk verifika tal-Unjoni Ewropea tkun uriet li l-ikel jew l-għalf esportat lejn l-Unjoni Ewropea jkun jissodisfa r-rekwiżiti tal-Unjoni jew rekwiżiti ekwivalenti u li l-kontrolli mwettqa fil-pajjiż terz qabel il-bgħit jitqiesu effettivi u effiċjenti biżżejjed biex jissostitwixxu jew inaqqsu l-kontrolli tad-dokumenti, tal-identità u dawk fiżiċi stipulati fil-liġi tal-UE.

(5) F'April tal-2005, l-Istati Uniti tal-Amerka (minn hawn 'il quddiem imsejħin "l-Istati Uniti") ressqu applikazzjoni lill-Kummissjoni biex jiksbu approvazzjoni tal-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti fuq il-kontaminazzjoni tal-karawett mill-aflatossini, intiż għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(6) Wara verifika li wettaq l-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju (FVO) tal-Kummissjoni, l-approvazzjoni ta' dawk il-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni li jimmiraw għall-iżgurar tal-konformità mal-livelli massimi ta' aflatossini stipulati fil-liġi tal-Unjoni ngħatat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/47/KE ([3]).

(7) Fit-8 ta' Ottubru 2007, il-Kanada ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni biex tikseb approvazzjoni tal-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada fuq il-kontaminazzjoni mill-okratossina A fil-qamħ (komuni u durum) u fid-dqiq tal-qamħ maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea.

(8) Il-Kummissjoni vvalutat fid-dettall it-tagħrif ipprovdut mill-Kummissjoni Kanadiża għall-Qamħ, li hija l-awtorità kompetenti tal-Kanada li taħt ir-responsabbiltà tagħha jitwettqu l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni, u kienet tal-fehma li l-garanziji mogħtija huma sodisfaċenti sabiex taċċetta l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni fuq il-qamħ u fuq ċerti prodotti li ġejjin minnu għall-preżenza tal-okratossina A. Għalhekk,

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissal-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/47/KE tal-20 ta' Diċembru 2007 li tapprova l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa mill-Istati Uniti tal-Amerka fuq il-karawett u l-prodotti li ġejjin minnu għal dik li hija preżenza ta' aflatossini (ĠU L 11, 15.1.2008, p. 12).

l-approvazzjoni ta' dawk il-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni li jimmiraw għall-iżgurar tal-konformità mal-livelli massimi ta' okratossina A stipulati fil-liġi tal-Unjoni ngħatat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2011 ([1]).

(9) Fil-21 ta' Novembru 2012, l-Istati Uniti ressqu applikazzjoni lill-Kummissjoni biex jiksbu approvazzjoni tal-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti tal-Amerka fuq il-kontaminazzjoni tal-lewż mill-aflatossini, intiż għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(10) Wara verifika mwettqa mill-FVO tal-Kummissjoni u wara li evalwat fid-dettall it-tagħrif addizzjonali mogħti mill-Istati Uniti, il-Kummissjoni tqis li l-garanziji mogħtija huma sodisfaċenti u jiġġustifikaw l-approvazzjoni tal-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni. Għalhekk, jixraq li tingħata l-approvazzjoni tal-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa li jimmiraw għall-iżgurar tal-konformità mal-livelli massimi ta' aflatossini stipulati fil-liġi tal-Unjoni.

(11) Jixraq li l-approvazzjonijiet kollha tal-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni li jitwettqu minn ċerti pajjiżi terzi fir-rigward tal-preżenza ta' mikotossini fl-ikel ikunu f'Regolament wieħed sabiex tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni u sabiex jiġi żgurat approċċ uniformi. Għalhekk, id-Deċiżjoni 2008/47/KE u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2011 għandhom jiġu sostitwiti u r-regoli li hemm f'dawk l-atti għandhom jiġu amalgamati ma' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Madankollu, ġew introdotti xi bidliet żgħar sabiex id-dispożizzjonijiet jiġu allinjati fir-rigward tal-frekwenza tal-kontrolli u sabiex id-dispożizzjonijiet jiġu aġġornati biex jirriflettu l-bidliet fil-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM).

(12) F'konformità mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, jeħtieġ li l-Istati Membri jaġġustaw il-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi fuq l-importazzjonijiet mar-riskju assoċjat ma' kategoriji differenti tal-ikel filwaqt li jqisu, fost affarijiet oħra, il-garanziji mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ta' oriġini tal-ikel inkwistjoni. Il-kontrolli sistematiċi ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, f'konformità mal-approvazzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, jipprovdu livell sodisfaċenti ta' garanziji b'rabta mal-kontaminazzjoni mill-mikotossini u għalhekk jippermettu lill-Istati Membri jnaqqsu l-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi mwettqa fuq dawn il-prodotti bażiċi.

(13) Il-frekwenza baxxa ta' kontroll stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandha tiġi segwita mill-Istati Membri li jimportaw bosta kunsinni tal-oġġetti tal-ikel ikkonċernati. L-Istati Membri li jimportaw biss numru limitat ta' kunsinni tal-oġġetti tal-ikel ikkonċernati għandhom jiżguraw frekwenza baxxa ta' kontrolli, mingħajr ma jkunu jistgħu jikkonformaw mal-frekwenza stabbilita tal-kontrolli.

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-approvazzjoni tal-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni

1. Il-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-Kummissjoni Kanadiża għall-Qamħ, bħala awtorità kompetenti, fir-rigward tal-okratossina A fil-qamħ u fid-dqiq tal-qamħ imniżżla fl-Anness I u prodotti fit-territorju tal-Kanada huma approvati.

2. Il-kontrolli li ġejjin ta' qabel l-esportazzjoni, mwettqa qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni mid-Dipartiment tal-Agrikoltura tal-Istati Uniti (USDA), bħala awtorità kompetenti, huma approvati:

(a) il-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni fir-rigward tal-aflatossini fil-karawett imniżżla fl-Anness I u prodotti fuq it-territorju tal-Istati Uniti;

(b) il-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni fir-rigward tal-aflatossini fil-lewż imniżżla fl-Anness I u prodotti fit-territorju tal-Istati Uniti.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2011 tat-23 ta' Awwissu 2011 li japprova l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa mill-Kanada fuq il-qamħ u fuq id-dqiq tal-qamħ għall-preżenza tal-okratossina A (ĠU L 218, 24.8.2011, p. 4).

Artikolu 2

Id-dokumenti ta' akkumpanjament u l-identifikazzjoni tal-kunsinni

1. Kull kunsinna tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun akkumpanjata minn:

(a) rapport li jkun fih ir-riżultati tat-teħid ta' kampjuni u tal-analiżi mwettqa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 401/2006 ([1]), jew b'rekwiżiti ekwivalenti, minn laboratorju approvat għal dak il-għan mill-awtorità kompetenti;

(b) ċertifikat skont il-mudell stabbilit fl-Anness II, li jkun imtela, ġie vverifikat u ġie ffirmat minn rappreżentant tal-awtorità kompetenti; iċ-ċertifikat ikun validu għal erba' xhur mid-data tal-ħruġ.

2. Kull kunsinna ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkollha kodiċi ta' identifikazzjoni li għandu jerġa' jitniżżel fuq ir-rapport u fuq iċ-ċertifikat, imsemmija fil-paragrafu 1. Kull basket individwali, jew forma oħra ta' imballaġġar, jew imballaġġar li jgħaqqad diversi entitajiet individwali f'imballaġġ wieħed, tal-kunsinna għandu jiġi identifikat bl-istess kodiċi.

Artikolu 3

Il-qsim tal-kunsinni

Jekk kunsinna tinqasam, il-kopji taċ-ċertifikat previsti fl-Artikolu 2(1)(b) u ċċertifikati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ il-qsim, għandhom jakkumpanjaw kull parti tal-kunsinna maqsuma sakemm tiġi rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera.

Artikolu 4

Il-kontrolli uffiċjali

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16(2) u tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, il-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi mwettqa mill-Istati Membri fuq il-kunsinni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 u ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 2 għandha titnaqqas għall-perċentwali massimu tal-għadd ta' kunsinni ppreżentati kif previst fl-Anness I.

Artikolu 5

It-tħassir

Id-Deċiżjoni 2008/47/KE u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2011 huma b'dan imħassra.

Ir-referenzi għad-Deċiżjoni u għar-Regolament ta' Implimentazzjoni mħassra għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 401/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' mikotossini fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 70, 9.3.2006, p. 12).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 u l-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi msemmija fl-Artikolu 4:

L-ikel	Il-kodiċi tan-NM (Nomenklatura Magħquda)	Is-sottodiviżjoni tat-TARIC (Tariffa Integrata tal-Komunità Ewropea)	Il-pajjiż tal-oriġini	Il-mikotossina	Il-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi (%) waqt l-importazzjoni
— Qamħ — Dqiq tal-qamħ	— 1001 — 1101 00		Il-Kanada	Okratossina A	< 1
— Karawett, bil-qoxra — Karawett, bla qoxra — Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		L-Istati Uniti tal-Amerka	Aflatossini	< 1
— Lewż, bil-qoxra — Lewż, bla qoxra	— 0802 11 — 0802 12		L-Istati Uniti tal-Amerka	Aflatossini	< 1

ANNESS II

L-Unjoni Ewropea **Iċ-ċertifikat għall-UE**

Il-Parti I: Id-dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Il-persuna responsabbli li twettaq il-kunsinna L-isem L-indirizz In-Nru tat-telefon:		I.2. In-Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a
		I.3. L-awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. L-awtorità kompetenti lokali	
I.5. Id-destinatarju L-isem L-indirizz Il-kodiċi postali In-Nru tat-telefon		I.6. Il-persuna responsabbli mill-kunsinna fl-UE L-isem L-indirizz Il-kodiċi postali In-Nru tat-telefon	
I.7. Il-pajjiż tal-oriġini	Il-kodiċi ISO (Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni) I.8.	I.9. Il-pajjiż tad-destinazzjoni	Il-kodiċi ISO I.10.
I.11. Il-post tal-oriġini L-isem L-indirizz	In-numru tal-approvazzjoni	I.12.	
I.13. Il-post tat-tagħbija		I.14. Id-data tat-tluq	
I.15. Il-mezz tat-trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ L-identifikazzjoni: Ir-referenzi tad-dokument:		I.16. Il-punt ta' importazzjoni fl-UE	
		I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott bażiku		I.19. Il-kodiċi tal-prodott bażiku (il-kodiċi tas-SA (Sistema Armonizzata))	
			I.20. Il-kwantità
I.21. It-temperatura tal-prodotti Ambjentali ☐ Imkessħin ☐ Iffriżati ☐			I.22. Għadd ta' pakketti
I.23. L-identifikazzjoni tal-kontenitur/in-numru tas-siġill			I.24. It-tip ta' imballaġġar
I.25. Prodotti bażiċi ċċertifikati għal: Konsum mill-bniedem ☐ Ikel għall-annimali ☐ Proċess ulterjuri ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni fl-UE ☐	

I.28. L-identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi	
In-numru tal-lott	It-tip ta' trattament

IL-PAJJIŻ **IL-KONTROLL TA' QABEL L-ESPORTAZZJONI**

II-Parti II: Iċ-ċertifikazzjoni

II. It-tagħrif dwar is-saħħa	II.a. In-Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/949 li japprova l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa minn ..... fuq ..... fir-rigward tal-preżenza ta' ....., jiena li ffirmajt hawn taħt, ..., rappreżentant awtorizzat tal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/949 niċċertifika li l-prodotti bażiċi deskritti fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat ġew prodotti, imqassma, imċaqalqa, ipproċessati, imballaġġati u ttrasportati skont il-prassi ta' iġjene tajba u ġew soġġetti għal kontroll ta' qabel l-esportazzjoni, kif approvat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/949 u niżgura li l-prodotti bażiċi koperti b'dan iċ-ċertifikat se jiġu ttrasportati lejn l-Unjoni Ewropea f'kontenitur, li jkun konformi mal-prassi ta' iġjene tajba.

Minn din il-kunsinna ttieħdu kampjuni għall-analiżi ta' ..... … nhar ..... (id-data), u ġew soġġetti għall-analiżi fil-laboratorju nhar ..... (id-data) fi .....(isem il-laboratorju), u d-dettalji tat-teħid ta' kampjuni, il-metodi ta' analiżi użati u r-riżultati kollha huma mehmuża.

Noti

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal erba' xhur wara l-ħruġ.

Il-Parti I:

— Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: *In-numru tal-approvazzjoni*: jekk japplika biss.

— Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-SA tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali (WTO) jew il-kodiċi tan-NM.

— Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.20: Indika l-piż totali.

— Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.25: Proċess ulterjuri jfisser "soġġett għal tqassim jew għal trattament fiżiku ieħor qabel il-konsum mill-bniedem".

L-ispettur uffiċjali

L-isem (b'ittri kapitali): Il-kwalifika u t-titolu:

Id-data: Il-firma:

It-timbru: